Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Ottubru 2026**
**(OR. en)**

**14367/26**

**ENV 1222**
**CLIMA 532**

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 14227/26 + ADD 1 |
| Suġġett: | Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB)<br>(Yerevan, l-Armenja, 19 – 30 ta' Ottubru 2026):<br>a) Is-Sbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB (COP17)<br>b) It-Tnax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà (COP-MOP12)<br>c) Is-Sitt laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom (COP-MOP6)<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill fl-4200 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Ottubru 2026.

**ANNESS**

**KONVENZJONI DWAR ID-DIVERSITÀ BIJOLOĠIKA (KDB)**

**Tħejjija tas-Sbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB (COP17)**

**Tħejjija tat-Tnax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà (COP-MOP12)**

**Tħejjija tas-Sitt laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom (COP-MOP6)**

**(Yerevan, l-Armenja 19 – 30 ta' Ottubru 2026)**

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar:

Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB): Tħejjija tas-Sittax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP16) għall-KDB; Tħejjija tal-Ħdax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà (COP-MOP11); Tħejjija tal-Ħames laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom (COP-MOP5) (Cali, il-Kolombja, 21 ta' Ottubru – 1 ta' Novembru 2024)[1];

Il-bijodiversità: il-ħtieġa għal azzjoni urġenti[2];

Tħejjija tal-qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB)[3];

---

1 ST 14480/24.
2 ST 12210/20.
3 ST 15272/19 + COR 1.

Id-diplomazija tal-UE fil-qasam tal-enerġija u l-klima[4];

Qafas Strateġiku għal Bijoekonomija Kompetittiva u Sostenibbli tal-UE[5];

Il-Popli Indiġeni[6];

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li t-telf tal-bijodiversità għadu theddida dinjija eżistenzjali għall-umanità, FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-bijodiversità, l-ikel, l-ilma, is-saħħa u t-tibdil fil-klima huma interkonnessi u li l-kisba tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal (KMGBF) teħtieġ azzjoni olistika, integrattiva u komplementari, fis-setturi u bejniethom, konsistenti ma' approċċ nexus sabiex jissaħħu s-sinerġiji u jitnaqqsu l-kompromessi u FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa għal bidla trasformattiva biex jiġu indirizzati l-kawżi diretti u indiretti tat-telf tal-bijodiversità;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-importanza fundamentali ta' ekosistemi u bijodiversità b'saħħithom għas-saħħa, il-benesseri, is-sigurtà tal-ikel, in-nutrizzjoni, l-impjiegi u l-għajxien sostenibbli kif ukoll għall-istabbiltà ekonomika u soċjali fit-tul;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li ekosistemi b'saħħithom jipproteġu kontra perikli u diżastri naturali u jikkontribwixxu għas-sigurtà nazzjonali u li l-protezzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità jistgħu jgħinu biex tiġi ssalvagwardata s-sigurtà nazzjonali u ekonomika u tissaħħaħ ir-reżiljenza;

ALLARMAT SEW dwar il-gravità u l-urġenza li jirriżultaw mill-kriżijiet dinjija interdipendenti tat-telf tal-bijodiversità, it-tibdil fil-klima, it-tniġġis, id-degradazzjoni tal-ekosistema, tal-art, tal-ilma u tal-oċeani, inkluż id-deforestazzjoni, id-deżertifikazzjoni u n-nixfa, kif ukoll in-nirien estremi fis-selvaġġ, il-mewġiet ta' sħana u t-temperaturi tal-baħar li qed jogħlew; JAFFERMA l-impenn tiegħu li jindirizza dawn il-kriżijiet interkonnessi b'mod komprensiv, integrat u koerenti li jinkludi strateġiji ta' benefiċċju reċiproku, b'salvagwardji soċjali u ambjentali b'saħħithom;

4 ST 8417/26.
5 ST 7397/26.
6 ST 8814/17.

FILWAQT LI JILQA' r-Rapport Globali dwar il-Progress Kollettiv fl-Implimentazzjoni tal-KMGBF kif ukoll l-għadd konsiderevoli ta' Strateġiji u Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Bijodiversità (NBSAPs) aġġornati jew riveduti u miri allinjati mal-KMGBF mill-adozzjoni tiegħu u l-għadd kbir ta' seba' rapporti nazzjonali ppreżentati mill-Partijiet għall-Konvenzjoni, u FILWAQT LI JTENNI l-ħtieġa urġenti li l-Partijiet li għadhom ma għamlux dan jiffinalizzaw u jippreżentaw l-NBSAPs u s-seba' rapporti nazzjonali tagħhom malajr kemm jista' jkun;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-Regolament (UE) 2024/1991 dwar ir-Restawr tan-Natura, li skontu qed jiġu żviluppati Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr u proċessi ta' implimentazzjoni bħala kontribut importanti tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-implimentazzjoni tal-KMGBF;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-progress fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi finanzjarji mis-sorsi kollha filwaqt li JISSOTTOLINJA li għad m'hemmx ċertezza dwar jekk intlaħaqx l-istadju importanti tal-2025 għall-Mira 19;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-importanza li jiġu mobilizzati azzjonijiet tal-Partijiet u l-atturi mhux statali kollha, inkluż permezz ta' sħubijiet, koalizzjonijiet u inizjattivi, biex tiġi integrata l-bijodiversità u titħaffef l-implimentazzjoni tal-KMGBF u FILWAQT LI JILQA' l-impenji minn atturi mhux statali bħala kontributi għall-implimentazzjoni tal-KMGBF;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-ħtieġa ta' oqfsa politiċi, legali u regolatorji li joħolqu ambjenti abilitanti għall-allinjament tas-setturi tan-negozju u finanzjarji mal-miri tal-KMGBF, u għall-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema tagħha;

FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn kondiviż tagħna għal multilateraliżmu effettiv, bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu, u FILWAQT LI JFAKKAR fir-rwol ċentrali tal-KMGBF bħala qafas mifrux mas-sistema kollha, man-NU kollha, mas-soċjetà kollha u mal-gvern kollu;

FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID li approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-ekwità u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma ċentrali għall-implimentazzjoni tal-KMGBF;

FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza li jissaħħu s-sinerġiji u l-kooperazzjoni fil-livelli kollha fost il-Konvenzjonijiet ta' Rio u ma' Ftehimiet Ambjentali Multilaterali (MEAs) oħra, u FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa għal azzjonijiet aċċellerati fis-setturi kollha u bejniethom, b'mod partikolari permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u approċċi bbażati fuq l-ekosistema, bl-applikazzjoni tal-approċċ tal-ekosistema tal-Konvenzjoni, li jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi;

FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu għal Rieżami Globali robust u effettiv tal-progress kollettiv fl-implimentazzjoni tal-KMGBF li jwassal għal momentum politiku mġedded u azzjonijiet ta' implimentazzjoni aċċellerati lejn il-kisba tal-miri tal-KMGBF għall-2030;

FILWAQT LI JILQA' l-ambizzjoni tar-Repubblika tal-Armenja li żżid il-viżibbiltà politika tal-COP17, inkluż permezz tal-*Perkors ta' Yerevan għall-Aċċellerazzjoni tal-Implimentazzjoni tal-KMGBF* u li tiżgura li l-COP17 twettaq Rieżami Globali ta' suċċess, lejn l-implimentazzjoni aċċellerata tal-KMGBF u l-Għanijiet u l-Miri tagħha u FILWAQT LI JILQA' WKOLL l-enfasi tar-Repubblika tal-Armenja fuq il-parteċipazzjoni inklużiva u l-eżiti ambizzjużi u orjentati lejn l-azzjoni għar-Rieżami Globali u l-COP17;

JISSOTTOLINJA li għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, it-terminoloġija "Popli Indiġeni u komunitajiet lokali" hija applikata mingħajr preġudizzju għall-kontinwazzjoni tal-użu fid-dokumenti tal-KDB tat-terminoloġija maqbula li tinsab fid-Deċiżjoni XII/12 tal-COP għall-KDB, sakemm isiru n-negozjati futuri dwar din il-kwistjoni;

ITENNI l-kundanna qawwija tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tad-dritt internazzjonali, inkluż il-Karta tan-NU. ITENNI t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani kif espress mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2026.

## KAPITOLU I – IL-KONVENZJONI DWAR ID-DIVERSITÀ BIJOLOĠIKA

## AĊĊELLERAZZJONI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-QAFAS GLOBALI TAL-BIJODIVERSITÀ TA' KUNMING-MONTREAL

1. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu li jimplimenta bis-sħiħ il-KMGBF;

2. JILQA' l-livell bla preċedent ta' involviment iġġenerat mill-KMGBF u l-impenn muri mill-Partijiet u l-partijiet ikkonċernati lejn l-implimentazzjoni tiegħu, kif enfasizzat fir-Rapport Globali u muri mill-għadd konsiderevoli ta' rapporti nazzjonali u NBSAPs ippreżentati, filwaqt li JENFASIZZA l-ħtieġa għal titjib fil-kwalità u l-kompletezza tar-rapportar biex tiġi ffaċilitata aktar il-valutazzjoni tal-progress lejn l-għanijiet u l-miri tal-KMGBF;

3. JIRRIKONOXXI li nkiseb progress fl-implimentazzjoni tal-KMGBF, iżda JIRRIKONOXXI WKOLL li mhux ser ikun possibbli li jintlaħqu l-miri u l-missjoni għall-2030 jew l-għanijiet għall-2050 mingħajr azzjonijiet u sforzi aċċellerati u mingħajr ma jiġu indirizzati b'mod urġenti l-ostakli u l-lakuni li fadal;

4. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa urġenti li tiġi aċċellerata u msaħħa l-implimentazzjoni tal-KMGBF, u JENFASIZZA l-importanza ta' rieda politika u ambizzjoni akbar biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni u jiġu indirizzati l-lakuni sabiex jintlaħqu l-miri tal-2030 u l-għanijiet tal-2050 fiż-żmien li fadal u jintlaħqu t-tliet objettivi tal-Konvenzjoni;

5. JIRRIKONOXXI li tkompli l-importanza ta' aktar operazzjonalizzazzjoni u tal-użu tal-qafas ta' monitoraġġ tal-KMGBF u JISSOTTOLINJA li l-arranġamenti ta' monitoraġġ u rappurtar għandhom jagħmlu użu mill-informazzjoni u l-proċessi eżistenti, fejn possibbli, biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġu minimizzati l-piżijiet amministrattivi u finanzjarji addizzjonali fuq il-Partijiet;

6. JAPPELLA għal aktar azzjoni lejn l-integrazzjoni tal-bijodiversità fi ħdan u fil-livelli kollha tal-gvern u s-soċjetà, il-politiki u s-setturi u JENFASIZZA r-rwol vitali tas-settur privat f'dan ir-rigward;

7. JILQA' l-ispirtu miftuħ u n-natura kostruttiva tad-Djalogu Kunming, inkluż fir-rigward ta' azzjonijiet ta' segwitu potenzjali għar-Rieżami Globali;

8. JISĦAQ fuq l-importanza ta' messaġġi komprensivi u orjentati lejn l-azzjoni biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-KMGBF, b'mod partikolari għal miri fejn il-progress huwa l-inqas avvanzat;

9. JIRRIKONOXXI li kooperazzjoni internazzjonali msaħħa, azzjonijiet u sforzi mtejba u mezzi msaħħa ta' implimentazzjoni huma importanti għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-KMGBF;

10. JISĦAQ, kif enfasizzat fir-Rapport Globali dwar il-Progress Kollettiv fl-Implimentazzjoni tal-KMGBF, fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-miżuri li jindirizzaw il-kawżi diretti u indiretti tat-telf tal-bijodiversità, inkluż il-kawżi li jkomplu jxekklu l-progress lejn l-implimentazzjoni tal-KMGBF, u li l-miri nazzjonali globalment għadhom ma jindirizzawx b'mod adegwat tali kawżi u għalhekk hija meħtieġa koerenza politika akbar, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali, u ż-żieda fl-azzjonijiet trasformattivi;

11. JISĦAQ FUQ l-importanza ta' approċċ ta' gvern sħiħ u min-naħa tas-soċjetà kollha għall-implimentazzjoni tal-KMGBF;

12. JISSOTTOLINJA li l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-atturi mhux statali, inkluż b'mod partikolari l-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali, in-nisa u ż-żgħażagħ, filwaqt li jiġu rikonoxxuti r-rwoli rispettivi tagħhom, hija kruċjali għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-KMGBF;

13. JENFASIZZA l-importanza tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-implimentazzjoni reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru tal-KMGBF, u li jiġi żgurat approċċ inklużiv u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-perspettivi tal-ġeneru jiġu integrati fil-politiki, l-istrateġiji, il-pjanijiet, l-azzjonijiet, il-programmi u l-arranġamenti finanzjarji kollha dwar il-bijodiversità fil-livelli kollha u li jitnaqqsu l-inugwaljanzi u jiġu promossi l-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza ekwi u sħaħ u effettivi tal-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali, in-nisa u l-bniet, iż-żgħażagħ, il-persuni b'diżabbiltà u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fil-proċessi ta' politika u ta' teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-bijodiversità;

14. JIRRIKONOXXI l-għodod ewlenin li diġà jeżistu fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni, inkluż b'mod partikolari l-NBSAPs u JENFASIZZA li l-Pjanijiet Nazzjonali għall-Finanzjament tal-Bijodiversità (NBFPs) jew strumenti simili, il-programmi ta' ħidma eżistenti tal-KDB kif ukoll inizjattivi oħra jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-KMGBF u l-Konvenzjoni u JENFASIZZA li l-aġġornament tagħhom u t-tisħiħ tal-implimentazzjoni tagħhom jibqgħu kontribut importanti għall-implimentazzjoni tal-KMGBF u l-KDB;

15. JENFASIZZA r-rwol u l-importanza ta' bażi soda ta' evidenza xjentifika għat-tfassil tal-politika bbażata fuq l-aħjar xjenza disponibbli, flimkien mal-kontribut siewi tal-għarfien tradizzjonali bħala l-pedamenti għall-ambizzjoni u l-implimentazzjoni effettiva u JAPPELLA GĦAL aktar tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn il-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES) u l-KDB kif ukoll użu akbar tas-sejbiet tal-IPBES biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-KMGBF;

16. JENFASIZZA l-ħtieġa għal aktar kooperazzjoni ma' pjattaformi li jlaqqgħu flimkien il-politika u x-xjenza inkluż il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, u l-Bord Intergovernattiv tal-Politika tax-Xjenza dwar is-Sustanzi Kimiċi, l-Iskart u biex jiġi miġġieled it-Tniġġis;

17. JISĦAQ FUQ il-ħtieġa ta' proċess ta' segwitu ċar u koerenti għall-ewwel Rieżami Globali tal-Implimentazzjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità mat-tieni Rieżami Globali tal-Implimentazzjoni, kif ukoll azzjonijiet urġenti u koerenti ċari biex titħaffef malajr l-implimentazzjoni tal-KMGBF fiż-żmien li fadal;

18. JILQA' l-istabbiliment taċ-ċentri ta' appoġġ għall-kooperazzjoni teknika u xjentifika reġjonali u subreġjonali u JAPPELLA għall-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tagħhom biex jitħaffef l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-KMGBF;

19. JAPPELLA għal kooperazzjoni aktar mill-qrib u msaħħa u t-tisħiħ tas-sinerġiji bejn it-tliet Konvenzjonijiet ta' Rio, kif ukoll ma' MEAs oħra relatati mal-bijodiversità, fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom, permezz ta' implimentazzjoni koerenti tal-KMGBF, il-Ftehim ta' Pariġi u l-Qafas Strateġiku 2018-2030 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD), inkluż billi jissaħħu r-rwol u l-funzjoni tal-Grupp ta' Kuntatt Konġunt tal-Konvenzjonijiet ta' Rio u l-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Bijodiversità, bil-ħsieb li jissaħħu aktar is-sinerġiji u tiżdied il-kollaborazzjoni fil-livell nazzjonali, speċjalment fl-iżvilupp, ir-reviżjoni u l-implimentazzjoni tal-miri, l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni rilevanti kif ukoll il-monitoraġġ u r-rappurtar;

20. JISSOTTOLINJA WKOLL l-importanza li jissaħħu l-approċċi integrati li jindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn il-bijodiversità, il-klima, it-tniġġis, id-degradazzjoni tal-ilma u tal-art, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u approċċi bbażati fuq l-ekosistema, kif ukoll f'kuntest transkonfinali;

21. JAPPELLA WKOLL għat-tisħiħ tal-isforzi li qed isiru mill-Partijiet, il-korpi governattivi u s-Segretarjati tal-Konvenzjonijiet l-oħra ta' Rio, il-konvenzjonijiet relatati mal-bijodiversità, il-konvenzjonijiet relatati mas-sustanzi kimiċi u l-iskart u MEAs rilevanti oħra, l-entitajiet tan-NU, organizzazzjonijiet u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra inkluż istituzzjonijiet finanzjarji u inizjattivi rilevanti għas-setturi tematiċi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-kuntest tal-KMGBF u oqfsa rilevanti oħra;

**Informazzjoni diġitali dwar is-sekwenzi ta' riżorsi ġenetiċi (DSI)**

22. FILWAQT LI JFAKKAR fid-Deċiżjonijiet 15/9 u 16/2 tal-COP għall-KDB, JIRRIKONOXXI li l-mekkaniżmu multilaterali għall-qsim ta' benefiċċji mill-użu tad-DSI dwar ir-riżorsi ġenetiċi, inkluż il-Fond ta' Cali tagħha, huwa għodda innovattiva għall-promozzjoni tal-qsim ta' benefiċċji u għall-mobilizzazzjoni ulterjuri tar-riżorsi għall-bijodiversità, u JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi implimentat b'mod effettiv filwaqt li ssir ħidma biex jiġu pprovduti ċertezza u ċarezza legali mtejba u jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni;

23. JINNOTA li skont id-Deċiżjoni 16/2 huma biss il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali li huma eliġibbli biex jaċċessaw il-Fond ta' Cali, JENFASIZZA madankollu li skont il-Konvenzjoni, il-qsim ta' benefiċċji mill-użu ta' riżorsi ġenetiċi huwa possibbli għall-Partijiet kollha abbażi tal-prinċipju li huma lkoll fornituri u utenti ta' riżorsi ġenetiċi u JENFASIZZA l-ħtieġa għal aktar ħidma f'dan ir-rigward, fejn xieraq;

24. JISSOTTOLINJA l-importanza li jinżamm u jittejjeb l-aċċess miftuħ għad-DSI, li huwa essenzjali għar-riċerka xjentifika u l-innovazzjoni u JAFFERMA MILL-ĠDID li l-Mekkaniżmu Multilaterali ma għandux jirrikjedi traċċar u rintraċċar;

25. JIRRIKONOXXI li r-riċerka pubblika u l-istituzzjonijiet akkademiċi jiieħdu sehem b'mod attiv fil-qsim ta' benefiċċji mhux monetarji permezz ta' riċerka pubblika dwar l-użu tad-DSI u t-tisħiħ u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet relatati u JINKORAĠĠIXXI inizjattivi rilevanti biex titkompla din il-ħidma;

26. IĦEĠĠEĠ il-kollaborazzjoni ma' entitajiet li joperaw bażijiet tad-data biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu multilaterali għall-qsim tal-benefiċċji mill-użu tad-DSI dwar ir-riżorsi ġenetiċi;

27. JISSOTTOLINJA li l-iżvilupp ulterjuri tal-modalitajiet operazzjonali taħt il-Mekkaniżmu Multilaterali, inkluż modalitajiet ġodda potenzjali għall-kontribuzzjonijiet, għandu jkun konformi mal-kriterji stipulati fil-paragrafu 9 tad-Deċiżjoni 15/9, ibbażat fuq l-evidenza u ma għandux jippreġudika l-eżitu tal-ewwel rieżami tal-effettività tal-Mekkaniżmu Multilaterali, inkluż il-Fond Cali, fil-COP18;

28. IKOMPLI JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġi evitat l-istivar potenzjali tal-obbligi fir-reġimi kollha ta' aċċess u qsim ta' benefiċċji u JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu evitati kumplessità u piż burokratiku bla bżonn;

29. JINNOTA bi tħassib l-għadd baxx ta' kontribuzzjonijiet għall-Fond ta' Cali, JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li titqajjem kuxjenza fis-setturi kollha dwar il-Fond ta' Cali, JISSOTTOLINJA l-importanza tal-kontribuzzjonijiet mis-settur privat u JINKORAĠĠIXXI lill-entitajiet tas-settur privat madwar id-dinja li jibbenefikaw mill-użu tad-DSI dwar ir-riżorsi ġenetiċi biex jikkontribwixxu għall-Fond ta' Cali u jaqsmu benefiċċji mhux monetarji; JILQA' s-sħubijiet u l-inizjattivi pubbliċi, privati u multilaterali fis-setturi u l-pjattaformi kollha f'dak ir-rigward kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-għoti ta' appoġġ għall-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tal-Fond ta' Cali;

**Mobilizzazzjoni ta' riżorsi**

30. IFAKKAR fil-pjan direzzjonali stipulat fid-Deċiżjoni 16/34 tal-COP għall-KDB u JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu li javvanza b'mod koerenti fuq iż-żewġ binarji;

31. ITENNI l-impenn tiegħu li jimmobilizza r-riżorsi mis-sorsi kollha; JAPPELLA lill-pajjiżi kollha li jinsabu f'pożizzjoni li jagħmlu dan biex jikkontribwixxu għall-finanzjament internazzjonali tal-bijodiversità, b'mod konsistenti maċ-ċirkostanzi nazzjonali u li jirrifletti n-natura dinamika u li qed tevolvi tal-kapaċitajiet rispettivi tagħhom, u JĦEĠĠEĠ lill-partijiet ikkonċernati, inkluż is-setturi privati u finanzjarji biex iżidu l-kontribut tagħhom għall-implimentazzjoni tal-KMGBF u biex jallinjaw il-flussi finanzjarji tagħhom mal-KMGBF;

32. JISSOTTOLINJA li l-UE u l-Istati Membri tagħha flimkien huma bil-bosta l-akbar fornituri ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp relatata mal-bijodiversità madwar id-dinja;

33. JENFASIZZA x-xejra pożittiva fil-finanzjament internazzjonali tal-bijodiversità rrappurtat mill-OECD, fejn il-finanzjament speċifiku għall-bijodiversità laħaq USD 18.9 biljun u l-finanzjament relatat mal-bijodiversità laħaq USD 34.2 biljun fl-2024;

34. JIRRIKONOXXI l-importanza tat-trasparenza, il-konsistenza u ċ-ċarezza metodoloġika fir-rappurtar tal-finanzjament internazzjonali għall-bijodiversità;

35. JAFFERMA li tkompli l-importanza tal-Faċilità Ambjentali Globali (GEF) bħala l-mekkaniżmu finanzjarju tal-Konvenzjoni, JILQA' l-wegħdiet li saru fid-disa' rikostituzzjoni tal-GEF, u l-eżiti dwar il-miri għall-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, il-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali kif ukoll il-mobilizzazzjoni tas-settur privat, u JĦEĠĠEĠ lill-kontributuri attwali u potenzjali jiffinalizzaw il-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-GEF-9 b'mod f'waqtu u ambizzjuż li jsegwi t-tmexxija li wrew l-Istati Membri tal-UE;

36. JIRRIKONOXXI l-ipprogrammar b'suċċess tal-Fond Qafas Globali għall-Bijodiversità (GBFF) u JAPPELLA GĦAL aktar wegħdiet għall-GBFF mis-sorsi kollha;

37. JIRRIKONOXXI li l-finanzjament pubbliku internazzjonali għall-bijodiversità bħalissa huwa pprovdut u mobilizzat minn għadd limitat ta' pajjiżi, JAFFERMA l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati perkorsi għat-twessigħ sistematiku tal-bażi ta' kontribuzzjoni u ż-żieda fl-għadd ta' kontributuri għall-finanzjament tal-bijodiversità skont kif jevolvu ċ-ċirkostanzi u l-kapaċitajiet nazzjonali maż-żmien kif ukoll ir-realtajiet ekonomiċi, fuq bażi volontarja u kunsenswali, u pereżempju, permezz ta' kriterji oġġettivi indikattivi possibbli, inkluż permezz ta' rieżami perjodiku u, jekk meħtieġ, emenda, tal-lista stabbilita skont l-Artikolu 20.2 tal-Konvenzjoni u f'konformità ma' dak l-Artikolu; JINNOTA li l-Partijiet għandhom jiġu kkonsultati kif xieraq f'dan ir-rigward;

38. JENFASIZZA r-rwol importanti tas-settur privat u tal-partijiet ikkonċernati kif ukoll l-esplorazzjoni ta' approċċi innovattivi volontarji u regolatorji potenzjali f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, fost l-oħrajn bħal krediti tan-natura ta' integrità għolja u approċċi tal-ekonomija ċirkolari fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi mis-sorsi kollha;

39. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu avvanzati l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Finanzjament għall-Bijodiversità jew strumenti simili, b'mod partikolari billi tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet finanzjarji li jisfruttaw il-potenzjal tagħhom għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi; u JIRRIKONOXXI l-valur potenzjali tal-pjattaformi nazzjonali transsettorjali biex tissaħħaħ il-mobilizzazzjoni tal-flussi finanzjarji pubbliċi u privati domestiċi u internazzjonali u titħaffef l-implimentazzjoni tal-għanijiet u l-miri tal-KMGBF;

40. JIRRIKONOXXI li n-negozji kollha jiddependu fuq il-bijodiversità u jħallu impatt fuqha; JISĦAQ FUQ l-importanza li jinħoloq ambjent abilitanti għal bidla trasformattiva, kif xieraq u f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, inkluż l-istabbiliment ta' oqfsa ta' politika, legali u regolatorji għan-negozji biex jingħata kontribut għall-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u JILQA' s-sejbiet tal-Valutazzjoni tan-Negozju u tal-Bijodiversità tal-IPBES;

41. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa urġenti li tiġi aċċellerata l-identifikazzjoni tal-inċentivi u li jiġu eliminati, jitneħħew gradwalment jew riformati l-inċentivi, inkluż is-sussidji, li huma dannużi għall-bijodiversità b'mod proporzjonat, ġust, effettiv u ekwu, fejn l-ewwel jiġu mmirati l-aktar **inċentivi** dannużi, u li jiżdiedu l-inċentivi pożittivi għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità f'konformità mal-Mira 18 tal-KMGBF;

**Kwistjonijiet relatati mal-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali**

42. JAFFERMA MILL-ĠDID id-drittijiet tal-Popli Indiġeni, inkluż kif stipulat fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni;[7]

43. JILQA' l-istabbiliment mill-COP16 tal-Korp Sussidjarju dwar l-Artikolu 8J u Dispożizzjonijiet Oħra tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika Relatata mal-Popli Indiġeni u l-Komunitajiet Lokali (KS8J) u JENFASIZZA l-ħtieġa għal modus operandi bi proċeduri ta' parteċipazzjoni inklużivi li jirrifletti b'mod adegwat l-importanza kritika li tiġi żgurata parteċipazzjoni sinifikattiva kif ukoll sħiħa u effettiva tal-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali fl-SB8J;

44. JIRRIKONOXXI r-rwol kritiku u kruċjali u l-kontributi tal-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali bħala kustodji tal-bijodiversità u gwardjani ta' għarfien tradizzjonali, innovazzjonijiet u prattiki rilevanti għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika; JENFASIZZA l-importanza li jiġu rispettati d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istrumenti tiegħu;

45. JISĦAQ FUQ il-ħtieġa ta' implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-programm ta' ħidma dwar l-Artikolu 8(j) u dispożizzjonijiet oħra tal-KDB relatati mal-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali sal-2030, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni sħiħa, effettiva u sinifikattiva tal-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali fil-proċessi rilevanti tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

[7] Ir-Riżoluzzjoni 61/295 tal-AĠNU.

**Bijoloġija Sintetika**

46. JIRRIKONOXXI l-avvanz rapidu tal-applikazzjonijiet tal-bijoloġija sintetika kif ukoll l-effetti pożittivi u negattivi potenzjali fir-rigward tat-tliet objettivi tal-Konvenzjoni u l-implimentazzjoni tal-KMGBF u l-ħtieġa ta' monitoraġġ u valutazzjoni adegwati inkluż fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali u l-bijoloġija komputazzjonali fil-kuntest tal-Konvenzjoni, u JISSUĠĠERIXXI li jiġu indirizzati aktar l-iżviluppi teknoloġiċi reċenti fil-bijoloġija sintetika;

47. JILQA' l-ħidma tal-Grupp ta' Esperti Tekniċi Ad Hoc dwar il-Bijoloġija Sintetika u l-abbozz ta' pjan ta' azzjoni tematiku għall-appoġġ tat-tisħiħ u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, l-aċċess għat-teknoloġija u t-trasferiment tagħha u l-kondiviżjoni tal-għarfien fil-kuntest tal-bijoloġija sintetika, mirfuda mill-approċċ prekawzjonarju kif jinsab fil-Prinċipju 15 tad-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp;

**Bijodiversità tal-Baħar u tal-Kosta**

48. JISĦAQ li, b'mod ġenerali, il-bijodiversità tal-baħar u tal-kosta ma ġietx riflessa b'mod adegwat fl-NBSAPs u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tissaħħaħ l-integrazzjoni tagħha fl-ippjanar u l-implimentazzjoni nazzjonali tal-bijodiversità, inkluż billi tiġi promossa l-koerenza tal-politika fis-setturi rilevanti kollha u jiżdiedu l-azzjonijiet trasformattivi għall-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar;

49. JISĦAQ fuq l-importanza li jitkomplew l-isforzi biex jiġu identifikati u deskritti żoni li jissodisfaw il-kriterji għal żoni tal-baħar ekoloġikament jew bijoloġikament sinifikanti (EBSAs) u li jiġu adottati l-linji gwida volontarji dwar il-proċessi ta' rieżami bejn il-pari għall-EBSAs u kriterji xjentifiċi kompatibbli u komplementari rilevanti oħra sabiex jiġi żgurat li l-proċess tal-EBSA jkompli jagħti kontribut xjentifiku u tekniku siewi għall-implimentazzjoni tal-KMGBF, ta' strumenti u oqfsa internazzjonali oħra, u ta' organizzazzjonijiet kompetenti, u għall-implimentazzjoni futura tal-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali (il-Ftehim BBNJ);

50. JISSOTTOLINJA li l-proċess EBSA għandu jirrispetta bis-sħiħ is-sovranità, id-drittijiet sovrani jew il-ġuriżdizzjoni tal-istati kostali kif previst mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) u JFAKKAR fir-Riżoluzzjoni 80/110 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tad-9 ta' Diċembru 2025 li tafferma mill-ġdid li l-UNCLOS jistipula l-qafas legali li fih iridu jitwettqu l-attivitajiet kollha fl-oċean u fl-ibħra;

51. JILQA' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim BBNJ, filwaqt li jinnota l-ħafna objettivi kondiviżi mal-Konvenzjoni; JENFASIZZA l-kontributi u s-sinerġiji kritiċi li tista' tikseb l-implimentazzjoni futura tal-Ftehim BBNJ u JAPPELLA GĦAL kooperazzjoni u kollaborazzjoni effettivi u effiċjenti bejn il-KDB u l-Ftehim BBNJ u l-pjattaformi rilevanti li jlaqqgħu flimkien il-politika u x-xjenza;

52. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu elaborati l-eżiti tas-sessjoni ta' ħidma tal-esperti li saret f'Bergen, in-Norveġja, mit-2 sal-5 ta' Diċembru 2025, dwar il-bijodiversità tal-baħar f'żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali biex tavvanza l-ħidma skont il-Konvenzjoni u jissaħħu l-kooperazzjoni, il-kollaborazzjoni jew is-sinerġiji mal-Ftehim BBNJ;

53. JISĦAQ FUQ l-importanza li jitħaffef il-progress lejn il-konservazzjoni u l-ġestjoni effettivi ta' mill-inqas 30 fil-mija tal-oċean sal-2030 fl-ambitu tal-Mira 3 tal-KMGBF, inkluż f'żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali;

**Kwistjonijiet oħra relatati mal-COP17**

54. JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-proċessi fil-KDB u l-prijoritizzazzjoni fi ħdanhom, inkluż permezz ta' proċess immexxi mill-Partijiet;

55. JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li l-Partijiet jadottaw Programm ta' Ħidma Pluriennali ġdid iffukat fuq azzjoni aċċellerata u ffaċilitata fil-prattika filwaqt li jiġi żgurat appoġġ ibbilanċjat għall-implimentazzjoni tat-tliet objettivi kollha tal-Konvenzjoni u tal-KMGBF, l-implimentazzjoni sħiħa tal-għodod u l-programmi eżistenti tal-KDB u l-evitar tad-duplikazzjoni tal-isforzi;

56. IKOMPLI JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-eżiti tar-rieżami funzjonali biex tittejjeb l-effettività tas-Segretarjat b'mod partikolari għas-servizzjar tal-laqgħat u l-iffaċilitar tal-implimentazzjoni tal-KMGBF;

**KAPITOLU II - PROTOKOLL TA' CARTAGENA DWAR IL-BIJOSIGURTÀ**

57. JILQA' l-għadd kbir ta' Ħames Rapporti Nazzjonali li ġew ippreżentati fil-ħin, JENFASIZZA l-ħtieġa għal implimentazzjoni sħiħa tal-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà billi jissaħħu l-oqfsa nazzjonali tal-bijosigurtà, jiġu adottati proċeduri robusti ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' ġestjoni tar-riskju bbażati fuq ix-xjenza, jissaħħu t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-appoġġ tekniku bl-użu taċ-Ċentru ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-Bijosikurezza għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati;

58. ITENNI li l-kapaċità ta' detezzjoni u identifikazzjoni ta' organiżmi ħajjin modifikati hija element importanti fl-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà u għalhekk JAPPOĠĠA l-ikkomplementar u l-aġġornament ta' edizzjonijiet futuri tal-Manwal ta' Taħriġ dwar id-Detezzjoni u l-Identifikazzjoni ta' Organiżmi Ħajjin Modifikati fil-Kuntest tal-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà meta jista' jiġi pprovdut valur miżjud;

59. JILQA' l-ġbir ta' informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni, ir-regolamenti u l-gwida nazzjonali dwar żviluppi ġodda fil-bijoteknoloġija moderna;

60. JILQA' l-ħidma tal-Grupp ta' Esperti Tekniċi Ad Hoc (AHTEG) dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju inkluż l-eżiti tal-AHTEG dwar l-applikazzjoni tal-kriterji għall-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni ta' kwistjonijiet speċifiċi ta' valutazzjoni tar-riskju u JAPPOĠĠA l-iżvilupp ta' aktar materjali ta' gwida volontarji li jibnu fuq il-lista prijoritizzata ta' suġġetti identifikati mill-AHTEG, biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-Partijiet kondiviżi b'mod ġenerali u JENFASIZZA l-ħtieġa għal pjan ta' ħidma realistiku għall-atturi involuti kollha, inkluż AHTEG possibbli;

61. ITENNI l-importanza tal-approċċ prekawzjonarju kif jinsab fil-Prinċipju 15 tad-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp u ta' valutazzjoni tar-riskji ambjentali każ b'każ ibbażata fuq ix-xjenza f'deċiżjonijiet relatati ma' organiżmi modifikati ħajjin;

**KAPITOLU III - PROTOKOLL TA' NAGOYA DWAR L-AĊĊESS GĦAL RIŻORSI ĠENETIĊI U L-QSIM ĠUST U EKWU TA' BENEFIĊĊJI LI JIRRIŻULTAW MILL-UŻU TAGĦHOM**

62. JISSOTTOLINJA l-importanza li jitqiesu s-sejbiet u l-messaġġi ewlenin tat-tieni valutazzjoni u r-rieżami tal-effettività tal-Protokoll ta' Nagoya għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, u l-KMGBF, b'mod partikolari fl-iżgurar ta' aċċess xieraq għar-riżorsi ġenetiċi u li l-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tar-riżorsi ġenetiċi, jinqasmu b'mod ġust u ekwu, u b'hekk jingħata kontribut għall-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-użu sostenibbli;

63. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-Partijiet jissimplifikaw u jirrazzjonalizzaw il-miżuri legali, amministrattivi u ta' politika biex jiffaċilitaw l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u jiżguraw li l-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tagħhom jinqasmu b'mod ġust u ekwu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Nagoya u strumenti internazzjonali rilevanti oħra għall-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji.